PARTIT NAZZJONALISTA

Nifs Ġdid

Programm Elettorali

# Ekonomija

Nifs ġdid u direzzjoni lill-ekonomija: biex niġġeneraw il-ġid

Nifs Ġdid

## Nifs Ġdid. Dan hu l-mument, tiegħek.

Din il-kampanja elettorali hija mibnija fuq wegħda ċara: b’dak li qed nipproponu rridu li nagħtu nifs ġdid lil Malta u Għawdex. Nifs ġdid lilek.

Fix-xhur li għaddew iltqajt ma’ ħafna minnkom fid-djar, fil-pjazez u fuq il-postijiet tax-xogħol. Smajt it-tamiet, u l-aspirazzjonijiet tagħkom. Fuq kollox, fhimt kemm tħobbu lil pajjiżna. Bħalkom, jien kburi li jien Malti, u nemmen li flimkien nistgħu nibnu Malta u Għawdex li jistħoqqlok, li jistħoqqilhom uliedna.

Fil-programm elettorali qed nispjegaw kif nifs ġdid ifisser pajjiż li jerġa’ jaħdem għan-nies: fejn inti jkollok aktar serħan il-moħħ, politika li tagħti futur liż-żgħażagħ f’pajjiżna, l-anzjani jgħixu bid-dinjità, u l-ħaddiema jkollhom paga aħjar. Nifs ġdid ifisser ukoll ekonomija ġusta fejn is-sidien tan-negozji jsibu gvern li jgħinhom u mhux li jfixkilhom, kura tas-saħħa fil-pront, edukazzjoni li tħejji għad-dinja ta’ għada, sistema tat-trasport effiċjenti biex int ma tinqabadx fit-traffiku, kontijiet orħos u ambjent nadif li jagħtik nifs tajjeb għal saħħtek. Nifs ġdid ifisser ukoll Għawdex bħala reġjun b’potenzjal enormi li joffri futur lill-Għawdxin u jibqa’ ġawhra għall-Maltin

Dan il-kapitlu, flimkien mal-bqija tal-programm elettorali, jippreżenta pjan ċar u realistiku biex inwettqu din il-viżjoni. Proposti konkreti biex intejbu l-ħajja tiegħek u nagħtu direzzjoni aġġornata lill-pajjiż.

Dan huwa l-impenn tagħna miegħek.
Flimkien nistgħu nagħtu lil Malta nifs ġdid.

**Alex Borg**
Kap tal-Partit Nazzjonalista



# Nifs ġdid u direzzjoni lill-ekonomija: biex niġġeneraw il-ġid

Ekonomija

# Il-pjan politiku ta' Gvern ġdid Nazzjonalista mmexxi minn Alex Borg jagħti nifs ġdid lil Malta u Għawdex għax iġedded il-politika li fuqha tissejjes l-ekonomija tagħna: minn waħda li tikber għax iżżid il-volum, għal ekonomija li tikber għax toħloq il-valur.

Irridu ekonomija li tinvesti fil-ħiliet tan-nies, fil-produttività, fit-teknoloġija, fl-esportazzjoni u fir-riċerka u l-innovazzjoni. Irridu ekonomija li toħloq karrieri ta' kwalità u li jħallsu tajjeb. B'dan il-pjan irridu li l-ġid li jinħoloq jasal għand il-ħaddiem, il-familja, iż-żgħażagħ, il-pensjonanti u s-sidien tan-negozji ż-żgħar, u mhux jasal biss fil-bwiet ta' ftit persuni. Dan hu n-nifs ġdid li Malta u Għawdex jeħtieġu: ekonomija li toħloq aktar ġid b'inqas pressjoni fuq il-pajjiż, li ttejjeb il-kwalità tal-ħajja ta' kuljum u tibni aktar tama fil-ġejjieni. Hija direzzjoni ċara li qed jippreżenta l-Partit Nazzjonalista, mibnija fuq investiment serju, fuq il-ħiliet u d-dedikazzjoni tal-ħaddiema Maltin u Għawdxin, u fuq il-fiduċja fin-negozji li jridu jaħdmu u jinvestu hawn. Din hi l-viżjoni tal-Partit Nazzjonalista: ekonomija li taħdem għan-nies, li toħloq opportunitajiet reali, li tippremja x-xogħol u l-bżulija, u li tħares lejn il-futur b'sens ta' tama, responsabbiltà u ġustizzja.

Dan il-programm elettorali li jitwettaq minn Gvern ġdid immexxi minn Alex Borg tfassal fuq il-prinċipji tar-responsabbiltà fiskali u s-sostenibbiltà fit-tul, u jistrieħ ukoll fuq nefqa pubblika bil-għaqal. Jeħtieġ inwaqqfu l-ħela, inrażżnu l-korruzzjoni u nġibu governanza serja fejn kull ewro jintuża għall-ġid tal-pajjiż, u mhux jintilef f'sistemi ineffiċjenti jew f'kuntratti li jiswew ferm aktar milli hemm bżonn. Il-proposti f'dan il-kapitlu, flimkien mal-proposti l-oħra fil-programm elettorali, tfasslu biex l-ekonomija toktor u tikber b'użu aħjar tar-riżorsi tagħna, b'aktar attività u produttività fis-setturi ekonomiċi, u b'inċentivi għal investimenti f'setturi ġodda li jikkreaw aktar ġid.

Permezz tal-politika li rridu nħaddmu, il-ġid li jinħoloq fl-ekonomija jerġa' lura għand in-nies li joħolquh, biex b'hekk l-ekonomija tassew tkun taħdem għall-benefiċċju ta' kulħadd: il-familji, il-ħaddiema, in-negozji, iż-żgħażagħ u l-pensjonanti, tal-lum u tal-ġenerazzjonijiet li ġejjin.

Pjan ta’ Azzjoni

# Tkabbir ekonomiku mibni fuq il-ħiliet u l-innovazzjoni, u li jagħti l-istabbiltà

Il-Partit Nazzjonalista mmexxi minn Alex Borg qed jippreżentalek pjan maħsub li jagħti direzzjoni ċara u nifs ġdid lill-ekonomija ta’ pajjiżna. Dan il-pjan juri kif, waqt li l-ekonomija tikber u toħloq opportunitajiet ġodda u impjiegi b’pagi tajbin, inti tista’ tgawdi aktar stabbiltà, sigurtà u kwalità tal-ħajja aħjar. Għalhekk, inti tinsab fil-qalba tal-politika ekonomika tagħna.

Nifs ġdid lill-ekonomija ta’ pajjiżna jfisser ekonomija li taħdem għan-nies. Impenjati li noħolqu setturi ekonomiċi ġodda li jipprovdu impjiegi ta’ kwalità u futur aħjar – mhux ekonomija li żżomm lin-nies taħt pressjoni b’mudell mibni biss fuq il-volum, popolazzjoni dejjem akbar u pagi baxxi.

Iċ-ċifri li jippreżenta l-Gvern Laburista qed jaħbu l-pressjoni reali li jgħixu l-Maltin, l-Għawdxin u n-negozji. Din hija r-realtà li qed jaħbulek. Is-salarju medju f’Malta hu €525 inqas fix-xahar mill-medja Ewropea. Il-prezzijiet tal-proprjetà splodew ’il fuq, filwaqt li l-pagi ma żammewx il-pass maż-żidiet fl-għoli tal-ħajja. F’Malta, kważi 93,000 persuna – tfal, ħaddiema u pensjonanti – qed jgħixu f’riskju tal-faqar. Is-sehem tal-pagi mill-prodott domestiku gross qed kulma jmur jonqos. Aktar ma jgħaddi ż-żmien, aktar żgħażagħ qed ifittxu li jitilqu minn pajjiżna.

Filwaqt li nkomplu nibnu u nsaħħu s-setturi ekonomiċi produttivi li Malta għandha, irridu ngħinuhom jittrasformaw lejn attivitajiet ta’ valur miżjud akbar, biex nimxu pass ’il quddiem. Se noħolqu setturi ekonomiċi ġodda li jħaffu t-tkabbir ekonomiku ta’ pajjiżna – setturi li jħallsu pagi aħjar, jipprovdu karrieri moderni u jiftħu opportunitajiet ġodda liż-żgħażagħ, bla ma fl-istess ħin iżidu l-pressjoni fuq il-popolazzjoni, it-toroq, l-ambjent, l-infrastruttura u s-sigurtà tal-pajjiż. Din hija ekonomija aktar intelliġenti: tkabbir ibbażat fuq l-għarfien, il-ħiliet u l-innovazzjoni, mhux fuq il-kwantità biss.

Proposti Ewlenin

# Setturi ekonomiċi ġodda

01

## Id-data, l-AI u n-New Space: setturi ekonomiċi ġodda ta' valur għoli

L-industrija tan-New Space, li tinkludi l-konnettività satellitari, id-data tal-osservazzjoni tad-Dinja, is-servizzi diġitali downstream u l-applikazzjonijiet imħaddma mill-ispazju, hi wieħed mis-setturi li qed jikbru b'ritmu mgħaġġel fl-ekonomija dinjija. Skont stima tal-Aġenzija Spazjali Ewropea, globalment dan is-settur qabeż l-€400 biljun fl-2025 u mistenni jirdoppja fi żmien 10 snin. Malta bdiet tikkopera mal-Aġenzija Spazjali Ewropea fl-2024, tospita l-Jiem Industrijali tal-ESA u tħaddem Strateġija Nazzjonali għall-Ispazju. Il-pedamenti jeżistu. Dak li jonqos huwa l-ambizzjoni politika u l-kapaċità istituzzjonali biex dawn jissarrfu f'settur ekonomiku vibranti. Gvern ġdid Nazzjonalista se jipprovdi t-tnejn.

Gvern ġdid Nazzjonalista jbiddel lil Malta f'ċentru Ewropew ewlieni għal attività kummerċjali tan-New Space, b'enfasi partikolari fuq is-segment downstream: il-konnettività satellitari, is-servizzi tad-data u l-applikazzjonijiet diġitali li jirrappreżentaw madwar 80% tal-valur ekonomiku tas-settur.

02

## Liġi dwar l-attivitajiet spazjali

Inlestu u ndaħħlu fis-seħħ l-Att dwar l-Attivitajiet Spazjali li bħalissa jinsab f'konsultazzjoni pubblika, billi jiġi diskuss u approvat mill-Parlament fl-ewwel mitt jum.

03

## Unità apposta għall-iżvilupp ekonomiku tan-New Space

Fl-ewwel mitt jum inwaqqfu unità apposta għall-iżvilupp ekonomiku tan-New Space fi ħdan il-Malta Enterprise b'mandat kummerċjali ċar: li tattira negozji downstream tan-New Space lejn Malta, operaturi tal-konnettività satellitari, kumpaniji tad-data tal-osservazzjoni tad-Dinja, u servizzi diġitali mħaddma mill-ispazju, biex jagħżlu lil Malta bħala l-bażi tagħhom fl-Unjoni Ewropea.

04

## Pjattaforma nazzjonali waħda għall-konnettività

Fl-ewwel sena noħolqu pjattaforma nazzjonali waħda għall-konnettività satellitari u għad-data tal-osservazzjoni tad-Dinja, biex l-entitajiet pubbliċi jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet aħjar dwar l-art, il-baħar, l-infrastruttura u l-immaniġġjar tar-riżorsi naturali.

05

## Status ta’ membru assoċjat mal-ESA

Nibnu fuq l-istatus eżistenti ta’ Malta bħala Stat li jikkopera mal-Aġenzija Spazjali Ewropea biex niksbu status ta’ membru assoċjat, l-istess kisba li għamel Ċipru fl-2026. Sħubija assoċjata tiftaħ il-bibien għall-kumpaniji, ir-riċerkaturi u l-entitajiet pubbliċi Maltin għal firxa sħiħa ta’ programmi tal-Aġenzija Spazjali Ewopea, networks ta’ akkwisti, u kollaborazzjonijiet tar-riċerka fl-istess livell ma’ nazzjonijiet stabbiliti. Dan huwa l-pass li jmiss fil-vjaġġ spazjali ta’ Malta u aħna se nsegwuh bl-impenn istituzzjonali meħtieġ.

06

## Korsijiet ġodda fis-setturi ekonomiċi ġodda

B’rabta mas-setturi ekonomiċi ġodda, b’mod partikolari n-New Space, jissawru sensiela ta’ korsijiet u taħriġ fl-Università ta’ Malta, fl-MCAST u mas-settur privat f’suġġetti bħad-data, l-inġinerija, l-AI, iċ-ċibersigurtà, il-konformità, il-finanzjament, l-assigurazzjoni u l-immaniġġjar tal-proġetti.

07

## Ġenerazzjoni ta’ ġid ekonomiku u impjiegi ġodda

Dan is-settur tan-New Space jista’ jiġġenera sa €500 miljun fis-sena f’valur ekonomiku u joħloq karrieri ta’ kwalità għolja għall-gradwati Maltin fl-STEAM, is-software, id-data, il-konformità, is-servizzi legali u professjonali, mingħajr ma jżid il-pressjoni fuq il-popolazzjoni.

# Hub Mediterranju għall-enerġija marittima nadifa

08

## Ċentru Mediterranju għal fuels marittimi nodfa f'Hurd's Bank

Gvern ġdid Nazzjonalista jimxi minnufih lejn l-implimentazzjoni ta' proġett offshore f'Hurd's Bank biex jinħoloq ċentru Mediterranju għal fuels marittimi nodfa. Dan ikun proġett modulari, validu għall-ġejjieni, u mibni bi sħubija soda bejn is-settur pubbliku u privat.

Ix-xogħol preparatorju essenzjali diġà sar, inkluż scoping study komplut, u l-pass li jmiss huwa ċar: l-istrutturar kummerċjali tal-proġett, l-allinjament regolatorju u l-avvanz lejn deċiżjonijiet tal-investiment konkreti. Dan jinkludi l-validazzjoni teknika finali, l-aċċertament tas-sostenibbiltà ambjentali u finanzjarja, u t-twaqqif ta' mudell ta' governanza sod li jippermetti implimentazzjoni effiċjenti u mingħajr dewmien.

09

## Investiment privat bil-Gvern jiffaċilita l-investiment

Il-proġett se jitwettaq b'investiment privat, u l-Gvern jaġixxi bħala faċilitatur strateġiku li jipprovdi ċ-ċertezza regolatorja, il-qafas istituzzjonali u l-viżjoni fit-tul. Dan mhuwiex proġett ta' studji bla tmiem, iżda pass deċiż lejn infrastruttura marittima moderna li tnaqqas ir-riskji ambjentali, issaħħaħ is-sigurtà u toħloq attività ekonomika ġdida u sostenibbli għall-pajjiż.

10

## Inneħħu t-tanker minn Marsaxlokk

Inneħħu l-FSU Armada LNG Mediterranean mill-port ta' Marsaxlokk u nintegraw il-faċilitajiet tal-ħażna tal-LNG fi pjan marittimu ħolistiku u fit-tul. Dan il-pjan ikun maħsub biex jonqsu b'mod sostanzjali r-riskji ta' tniġġis tal-baħar, isaħħaħ is-sigurtà tal-komunitajiet kostali, u fl-istess ħin jerġa' jqiegħed lil Malta fuq quddiem nett fit-tranżizzjoni lejn ekonomija marittima aktar nadifa, aktar sigura u sostenibbli fit-tul.

11

# Inwaqqfu Hurd's Bank Strategic Taskforce

Fl-ewwel 100 jum inwaqqfu Hurd's Bank Strategic Taskforce b'rappresentanza mill-istituzzjonijiet regulatorji u minn esperti tekniċi indipendenti. Fl-ewwel sena jitlestew l-istudji tekniċi, ekonomiċi, ambjentali u kummerċjali kollha u jiġi definit kif se jitwettaq il-proġett. Fit-tieni sena jitlestew it-tħejjijiet regolatorji, legali u kummerċjali kollha meħtieġa biex tinħareġ sejħa pubblika trasparenti u kompetittiva għal sħubija pubblika privata relatata mal-iżvilupp tal-proġett. Mit-tielet sal-ħames sena jibdew is-sħubijiet strateġiċi, l-akkwist pubbliku, il-kostruzzjoni modulari, l-ittestjar u t-tħaddim inizjali.

12

# Dħul finanzjarju mill-investiment privat

Niġġeneraw dħul finanzjarju permezz ta' tariffi għall-ħżin, bunkering, transhipment, loġistika u servizzi relatati mal-fuels alternattivi. Ladarba l-infrastruttura tkun operattiva, l-attività ekonomika marbuta direttament u indirettament mal-proġett mistennija żżid l-ekonomija nazzjonali b'madwar nofs biljun ewro (€500 miljun) fis-sena. Din tiġġenera bejn €70 miljun u €100 miljun fis-sena fi dħul fiskali, permezz ta' taxxi fuq il-profitti, salarji, kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u attivitajiet ekonomiċi relatati.

Aktar Proposti

# Malta Homecoming Act

## 13. Eżenzjoni mit-taxxa għal min jiġi lura jaħdem Malta

L-akbar sfida ekonomika ta' Malta llum mhijiex in-nuqqas ta' kapital, iżda n-nuqqas ta' talent. Il-kumpaniji Maltin qed jitilfu l-opportunitajiet, l-investiment u l-kuntratti għax mhux qed isibu biżżejjed nies b'ħiliet speċjalizzati. Fl-istess ħin, bosta Maltin u Għawdxin tal-esperjenza u bi kwalifiki sostanzjali qed jibnu l-karrieri tagħhom barra minn pajjiżna.
Dan irridu nbiddluh.Il-Malta Homecoming Act tagħti eżenzjoni mit-taxxa fuq id-dħul personali għall-ewwel ħames snin tal-impjieg lill-persuni Maltin jew iċ-ċittadini tal-UE b'ħiliet ta' livell għoli li f'pajjiżna jkun hawn nuqqas kritiku tagħhom, skont National Strategic Skills List li tiġi aġġornata kull sena. Is-setturi prijoritarji jinkludu l-green economy, is-saħħa, l-innovazzjoni diġitali, l-AI, is-cybersecurity, il-manifattura avvanzata, l-inġinerija, il-medtech, l-R&D u oqsma oħra fejn in-nuqqas ta' ħiliet qed iżomm lura t-tkabbir ekonomiku.

## 14. Skema ta' benefiċċji għall-ħaddiema u n-negozji

Permezz ta' din il-liġi li jdaħħal Gvern ġdid Nazzjonalista, il-kumpaniji Maltin ikunu jistgħu joffru pakketti finanzjarji aktar kompetittivi biex jattiraw talent ta' livell għoli, bla ma jogħlew l-ispejjeż tagħhom. Fl-istess waqt, il-ħaddiema Maltin jgawdu direttament minn mentoring, trasferiment tal-għarfien, u standards professjonali aqwa fuq il-post tax-xogħol. Malta tkun tista' tattira u twettaq proġetti li llum ma jistgħux isiru minħabba nuqqas ta' ħiliet speċjalizzati. Dan minbarra li l-pajjiż jirkupra parti mill-investiment li għamel fl-edukazzjoni u t-taħriġ tan-nies tiegħu, billidak il-kapital uman jerġa' jinbena u jinħoloq ġid il-pajjiż stess.

# Mudell ekonomiku reżiljenti u sostenibbli

## 15. Pjan industrijali għall-ekonomija ta' valur għoli

Infasslu pjan industrijali ġdid u ffukat li jallinja l-inċentivi, l-iżvilupp tal-ħiliet, ir-riċerka u l-innovazzjoni, kif ukoll l-infrastruttura, mas-setturi ta' valur miżjud għoli. Il-pjan jiffoka fuq oqsma strateġiċi biex Malta tibni tkabbir sostenibbli u kompetittiv fit-tul.



# Produttività, ħiliet u teknoloġija għan-nies

## 16. Produttività qabel il-volum

Ninċentivaw lin-negozji jinvestu fit-teknoloġija, id-diġitalizzazzjoni, it-taħriġ u proċessi aktar effiċjenti, biex joħolqu aktar valur miżjud b'inqas dipendenza fuq xogħol b'valur baxx. B'dan il-mod inwasslu għal ekonomija aktar produttiva, b'pagi aħjar, aktar kompetittività u inqas pressjoni fuq l-infrastruttura u r-riżorsi tal-pajjiż.

## 17. e-Residency għall-imprendituri diġitali

Nintroduċu skema ta' e-Residency biex Malta tattira imprendituri diġitali u kumpaniji li jistgħu jmexxu n-negozju tagħhom mill-bogħod skont qafas regolatorju Malti. L-iskema tkun ibbażata fuq identità diġitali sigura, proċessi aktar sempliċi għar-reġistrazzjoni u l-amministrazzjoni tal-kumpaniji, u kontrolli sodi kontra l-abbuż, il-ħasil tal-flus u l-evażjoni fiskali.

## 18. Ritorn tal-forum bejn il-Gvern u s-settur tas-servizzi finanzjarji u servizzi relatati

Jerġa' jitwaqqaf forum permanenti bejn il-Gvern, l-awtoritajiet u s-settur privat biex jiġi żgurat djalogu strutturat u implimentazzjoni effettiva ta' miżuri li jsaħħu l-kompetittività ta' Malta. Dan il-forum jidentifika sfidi u opportunitajiet, jipproponi aġġustamenti regolatorji u fiskali, u jarmonizza l-proċessi biex Malta tibqa' ġurisdizzjoni attraenti, prevedibbli u kompetittiva għal investimenti ta' valur miżjud.

## 19. Vouchers tal-AI u teknoloġija għall-SMEs

Nagħtu €5,000 direttament lill-SMEs biex jivvalutaw u jimplimentaw għodod teknoloġiċi u tal-AI. Il-fondi jingħataw qabel l-investiment, mhux bħala kreditu tat-taxxa wara, biex jintlaħqu wkoll l-intrapriżi mikro li ma jkollhomx cashflow qawwi.

## 20. Ninċentivaw ġimgħa ta' erbat ijiem

Meta negozju juri b'mod ċar li, b'investiment fit-teknoloġija u proċessi ġodda, jista' jżomm l-istess livell ta' output b'inqas sigħat tax-xogħol, Gvern ġdid Nazzjonalista jappoġġa proġetti pilota ta' ġimgħa ta' erbat ijiem bil-paga sħiħa. Il-produttività tfisser ħajja aħjar għall-ħaddiema u għall-familji tagħhom, mhux biss aktar profitt.

## 21. Skills Wallet ta' €1,000 kull tliet snin

Kull ċittadin Malti adult jingħata wallet diġitali ta' €1,000 kull tliet snin għal taħriġ akkreditat. Il-flus ikunu disponibbli bil-quddiem biex ma jkunx meħtieġ li wieħed iħallas minn butu mbagħad jistenna rifużjoni. L-għażla tkun tal-individwu, mhux biss ta' min iħaddem.

# Innovazzjoni, R&D u setturi diġitali

## 22. Mira għar-riċerka u l-iżvilupp: minn 1% għal 2% tal-GDP sal-2030

Nistabbilixxu mira fil-liġi biex l-investiment fir-riċerka u l-iżvilupp jilħaq it-2% tal-GDP sal-2030. Inwaqqfu Fond Nazzjonali tal-Innovazzjoni bi €30 miljun fl-ewwel sena u norbtu l-R&D ma' sħubijiet bejn in-negozji u l-istituzzjonijiet edukattivi.

## 23. Bank Malti għat-tkabbir u l-innovazzjoni

Inbiddlu l-Bank Malti għall-Iżvilupp f'Bank Malti għat-Tkabbir u l-Innovazzjoni li jkun iffukat fuq koinvestimenti u seed funding għall-AI, il-fintech, il-medtech, il-clean-tech u l-istartups. Il-Gvern ma jagħżilx rebbieħa; jaqsam ir-riskju bikri biex jattira l-kapital privat.

## 24. Sovranità tal-enerġija u teknoloġija ekoloġika

Nimmiraw għal 50% enerġija rinnovabbli sal-2030 permezz ta' ġenerazzjoni tal-enerġija offshore mir-riħ u solari, ġenerazzjoni solari minn fuq il-bjut, u energy sharing. Inħarsu lejn il-green tech bħala industrija ta' esportazzjoni u mhux biss bħala spiża ambjentali.

## 25. Hub ta' AI kreattiva u wirt kulturali

Noħolqu s-settur tal-CultureTech biex il-wirt, il-kreattività, il-gaming, il-midja immersiva u l-AI jinbidlu fi prodotti diġitali u proprjetà intellettwali li jistgħu jinbiegħu globalment. Il-kultura ssir ukoll opportunità ekonomika sostenibbli għall-artisti.

## 26. Gvern bl-AI u identità diġitali waħda

Innaqqsu b'40% il-ħin medju tat-tranżazzjonijiet mal-Gvern fi żmien sentejn. Kull Ministeru jelimina l-aktar proċessi li jaħlu ħin, u ċ-ċittadin ma jerġax jintalab dokument li l-Gvern diġà għandu.

## 27. Eżenzjoni fuq il-qligħ kapitali tal-fundaturi

Il-fundaturi tal-istartups Maltin eliġibbli jiġu eżentati mit-taxxa fuq l-ewwel €500,000 ta' qligħ kapitali mill-bejgħ tal-ishma, jekk il-kumpanija tkun ilha topera f'Malta mqar tliet snin u ħolqot impjiegi Maltin.

## 28. Kreditu tat-taxxa għall-angel investors

L-investituri Maltin li jinvestu f'kumpaniji teknoloġiċi fi stadju bikri jingħataw kreditu tat-taxxa ta' 35% fuq l-investimenti sa €150,000 fis-sena. Hekk titneħħa l-lakuna tal-kapital bikri li qed iżomm lura lil ħafna startups.

## 29. Eżenzjoni tad-dazju fuq l-importazzjonijiet teknoloġiċi

It-tagħmir, il-komponenti u s-software speċjalizzat għar-riċerka u l-iżvilupp, it-teknoloġija ekoloġika u l-AI kreattiva jiġu eżentati mid-dazju fuq l-importazzjoni. Hekk jonqos l-iżvantaġġ tal-kumpaniji Maltin li jimportaw għodod li pajjiżi akbar jipproduċu f'pajjiżhom.



# Finanzi pubbliċi sostenibbli

## 30. Qafas fiskali multiannwali

Nippubblikaw pjan fiskali kredibbli u trasparenti, b'miri ċari u marbuta biż-żmien fuq id-defiċit, id-dejn u t-tkabbir fl-infiq pubbliku. Dan il-pjan jagħti stabbiltà finanzjarja u fiduċja ekonomika sostenibbli, isaħħaħ il-fiduċja tal-familji u n-negozji, u jibni reputazzjoni ta' responsabbiltà ekonomika fis-swieq u mal-istituzzjonijiet internazzjonali.

## 31. Il-Fond tal-Futur ta' Malta

Nistabbilixxu qafas legali għal fond nazzjonali tal-ġenerazzjonijiet futuri, li jiġi ffinanzjat minn parti mid-dħul tal-assi nazzjonali u mid-dividendi ta' entitajiet pubbliċi. Il-fond jibda jintuża b'mod gradwali meta l-finanzi pubbliċi jilħqu livell sostenibbli, biex niżguraw responsabbiltà fiskali llum u viżjoni fit-tul għal għada.

## 32. Kunsill Konsultattiv Fiskali msaħħaħ

Insaħħu l-Malta Fiscal Advisory Council b'regola ta' "tikkonforma jew tispjega", riżorsi aħjar u mandat biex jirrevedi l-proġetti maġġuri qabel jiġu approvati. Id-dixxiplina fiskali trid issir ir-regola, mhux biss bil-kliem.

## 33. Pjan ta' stabbilizzazzjoni tad-dejn pubbliku

Nintroduċu pjan għal perjodu medju biex jonqsu żidiet fid-dejn, jitħarsu l-investiment kapitali essenzjali u titneħħa n-nefqa mhux produttiva. Il-finanzi pubbliċi jkunu tassew onesti mal-ġenerazzjonijiet futuri.

# Enerġija, kapital u setturi strateġiċi

## 34. Krediti tat-taxxa għat-tnaqqis tal-karbonju

Nagħtu krediti trasferibbli għal investiment f'binijiet residenzjali u kummerċjali li jnaqqsu l-impronta tal-karbonju, marbuta ma' titjib fil-klassifiki tal-EPC u tnaqqis verifikat fil-konsum tal-enerġija.

## 35. Insaħħu s-settur marittimu u tal-avjazzjoni

Is-settur marittimu u s-settur tal-avjazzjoni saru pilastri importanti tal-ekonomija ta' pajjiżna. Madankollu, il-Gvern Laburista ma rnexxilux jibni strateġija ċara u sostenibbli għal dawn is-setturi. Gvern ġdid Nazzjonalista jiżgura li Transport Malta ssostni s-settur marittimu u l-avjazzjoni filwaqt li tkompli tippromwovihom biex tattira aktar investiment.

Gvern Nazzjonalista jaħdem ukoll mal-operaturi privati f'dawn is-setturi u magħhom ifassal pjan fit-tul li jagħti direzzjoni ċara u impenn min-naħa tal-Gvern.

## 36. Żona ta' aċċelerazzjoni ekonomika għal Għawdex

Noħolqu qafas speċjali għal Għawdex biex in-negozji li jirrilokaw l-operazzjonijiet primarji u parti sostanzjali mill-forza tax-xogħol tagħhom lejn Għawdex igawdu rata aktar baxxa ta' taxxa fuq il-kumpaniji, soġġetta għall-approvazzjoni dwar l-għajnuna mill-Istat. Dan biex noħolqu impjiegi ta' kwalità f'Għawdex.

## 37. Hub għall-ekonomija l-blu

Nagħtu inċentivi lis-settur privat biex jiżviluppa teknoloġiji marittimi, monitoraġġ tal-baħar, akkwakultura innovattiva, port tech u riċerka marittima. Il-baħar għandu jsir sors ta' impjiegi ta' kwalità u esportazzjoni.

PARTIT NAZZJONALISTA

Nifs Ġdid

Dan hu l-mument tiegħek